Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Nru. 25 /2026

**Data tal-laqgħa:** 7 ta' Jannar , 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Loranna Bonniċi | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

**Uffiċjal Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |

MINUTI

## 25.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

25.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li f'dan l-istadju ma kienx hemm hemm ittri t' apoloġiji x'jinqraw għaliex il-membri kienu kollha preżenti.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 24

25.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet il-minuti tal-laqgħa numru 23 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Ritienna Caruana dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

25.3.1 Is-Sindku Matthew Agius qal li nstab Qabar Puniku fi Triq Francis Mizzi għalhekk ix-xogħol tal-ilma ħa jkun hemm waqfien fihom u ħa jibda x'imkien ieħor. U ħa jibda x-xogħol Triq Dun Ġużepp Barbara wkoll. U bħala Kunsill ħa ssir pressjoni mal-waterservice biex titranġa l-problema tal-ilma f'dawn l-inħawi.

25.3.2 Sar komunikat biex ikun hemm persuna li toffri servizz ta' qari animat u attivatijiet. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li jofri s-sala b'pagament ta' kirja.

25.3.3 Il-Pagenat Grupp talab li fl-attivita tal-Ġimgħa l-Kbira il-Kunsill iħallas tal-Konsum tad-dawl u l-membri qablu.

25.3.4 Il-kunsill ikwlaifika għall-żewġ skemi kemm dik tal-mobbilta' kif ukoll dik tal-Karnival

25.3.5 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ikkomunika li permezz tal-premju ta' €1000 li l-Kunsill rebaħ f'kompetizzjoni tal-Wasteserv, issa inxtraw l-inverters għall-panneli.

25. 3.6 Is-Sindku ressaq mozzjoni li kienet issekondata mil-Kunsilliera Loranna Bonniċi biex jerġa' jiġġeded il-kuntratt tal-perit tal-Kunsill mal-MED Developers. Fuq dan kien hemm qbil unanimu mil-membri kollha, għalhekk il-kuntratt ħa jerġa' jiġġeded b'sena.

## 25.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

25.4.1 F'dan l-istadju l-membri ma' kellhom l-ebda mistoqsijiet.

## 25. 5 Karnival

25.5.1 L-Attivita' tal-Karnival ħa ssir nhar is-17 ta' Frar, 2026 mil- 4.00pm -7.00pm

25.4.2 Din ħas ssir ġewwa Misraħ San Leonardu

25.4.2 Ħa jkun hemm preżenti, il—Majsi, id- Dulli u Veronica u Aileen Montesin

25.4.3 Fost l-attivitjiet ħa jkun hemm maskaruni, kompetizzjoni u żfin

25.4.4 Ħa ssir ukoll Rulina – b'rigali ta' Appliances

25.4.5 L-attrazzjoni prinipali ħa tkun l-Arċila.

## 25.6 5K Marathon / Kultra u Sport

25.6.1 Fit -22 ta' Frar ħa ssir l-attivita' Kultura u sports tar-reġjun fejn wara nofsinhar ħa jsir Tournament.L-għaqda tal-futbol ħa jagħmlu ikel traddizjonali bħal ftajjar. Ħa jkun hemm ukoll il-mascots. Fost dawn bħala spetaklu u biex janimaw ħa

jkun hemm Jackson biż-żaqq u t-tambur. Fost affarijiet tradizzjonli ħa jkun hemm logħob bil-boċċi, titjir ta-tajra, lakstu u ħabel.

25.6.2 Nhar il- 11 t'April mis- 7.30 am sa 12.00 ħa ssir il-5k Marathon. Din id-darba ħa terġa' ssir bil-kategoriji u l-ġbir ħa jkun għad-Dar tal-Providenza. Kien hemm qbil li r-rotta tinbidel mis-sena preċedenti kif ukoll il-Marshalls ikunu mqassmin aħjar.

25.6.3 Fir-rigward tal-maratona ħa terġa' ssir laqgħa oħra fejn ħa jiġu diskussi affarijiet iktar fid-detall.

## 25.7 Triq San Pietru

25.7.1 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi staqsiet x'sar fuq il-bozza li hemm fi Triq San Pietru. Kien hemm diskussjoni fejn il-persuna kkonċernata tiġi mistqosija jekk hux lesta taqta' mis-siġra peress li din qed itellef mid-dawl. Iżda l-membri qalu wkoll li dan mhux possibli li ssir darba u ma ssirx iktar wara.

25.7.2 Peress li ma kien hemm l-ebda qbil jew konklużjoni fuq x'hiex jista' jsir ħa jkun hemm iktar ħsieb fejn tista' tiġi u jekk xi ħadd jiġi b'idea jew soluzzjoni din tiitella' għal-laqgħa biex tiġi diskussa.

25.7.2 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi staqsiet ukoll rigwrad il-Kamera fi Triq San Pietru ħabba l-veloċita' eċċesiva. Għalissa l-membri tal-Kunsill qabel li jinxtraw 4 tabbelli biex titnaqas il-veloċita.

## 25.8 Instalazzjoni tal-Kameras madwar ir-raħal

25.8.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit Sindku wera lill-membri żewġ kameras li jaħdmu b'sistema ta' panneli u ssuġġerixa biex dawn jiġu nstallati.

25.8.2 Issuġerixxa li jitwaħħlu fil-hot spots l-iktar fi Triq il-Fieres u Triq Salvu Sacco jew xi triq oħra fejn jaraw ix-xemx.

25.8.3 il-membri qablu li qabel ikun hemm investiment fihom, ħa jiġu nstallati dawn it-tnejn biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jevalwa jekk għandux isir investiment fihom jew le.

## 25.9 Showcase

25.9.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Franklan Debono resqet talba quddiem il-Kunsill biex isir vetrina biex fiha l-kunsill ikun jista' jitfa' premjijiet u Rigali li l-kunsill jingħatha fiha. Għaliex bħalissa m'hemm l-ebda għamara li tagħmel dan. Ma' dan il-Kunsill kien b'favur unanimu.

## 25.10 Buisness plan 2026-2030

25.10.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Franklan Debono resqet quddiem il-kunsill il-pjan ta' Ħidma tal-Kunsill għas-snin li ġejjin.

25.10.2 Il-membri kienu kunetenti bil-pjanta' nefqa li l-Kunsill għandu għall-ġejjieni

## 25.11 Performance Appraisal – Ħaddiema Klerikali

25.11.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit resaq mozzjoni għal-Perfromance Appraisal tal-Ħaddiema Klerikali li ġiet issekondata mil-Kunsillier Joseph Schembri biex il-ħaddiema Klerikali jingħataw il-bonus li huwa bbażat fuq dak li jwettqu fil-Kunsill.

## 25.12 Rapport tal-ilmenti

25.11.1 Daħħal rapport fuq id-dawl il-bandli u s-Sindku Matthew AGgius Zammit ikkonferma li sar rapport u l-Kunsill qed jaħdem fuqha.

25.11.2 Il-Kunsilliera Loranna Bonniċi waslet lment fejn fi Triq il-Fieres hemm nuqqas ta' bankina lejn l-aħħar biċċa u hemm residenta li qed jiparkjawlha quddiem il-bieb u din ma tkunx tista' toħroġ. Għalhekk ġie deċiż mil-membri li jsiru bollards quddiemha biex b'hekk ma jipparkjawx

25.11.3 Il-Kunsillier Joseph Schembri staqsa f'hiex kienu waslu t-tabelli u s-Sindku Matthew Agius Zammit ikkonferma li ntbagħtet il-job request u hemm stennija.

25.11.4 Kien hemm ukoll lment minn ħaddiem tal-Kunsill ħabba l-istat tal- Gallariji u l- bibien tal-Kunsill. Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li ħa nsitennew l-iskema tax-xogħlijiet minuri li daqt toħroġ biex il-Kunsill japplika taħtha.

## 25.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;

25.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru 170 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

25.12.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit resaq mozzjoni biex il-lista ta' pagmanei SKeda numru 170 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mil-Viċi Sindku Bernice Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 25.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

25.14.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

25.14.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 5 ta' Frar , 2026 fil-17:00hrs

25.14.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19.15

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non

31, Truq San Benedittu
Ħal Kirkop, KKP1243
**Franklan Debono**
***Executive Secretary***

Kunsill Lokali
ĦAL KIRKOP
parva non iners

**Mozzjoni Ref:** 62 /26 /10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 170 tiġi approvata.

| **Proponent**<br>Matthew Agius Zammit | **Sekondant**<br>Bernice Caruana |
|---|---|

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 7 ta' Jannar, 2026

Franklan Debono
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 63 /26/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti tas-seduta 24

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Riteinne Caruana

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 7 ta' Jannar, 2026

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 64 /26/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jerġa' jiġġeded il-kuntratt tal-perit tal-Kunsill mal-MED Developers

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Loranna Schembri

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 7 ta' Jannar, 2026

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 65 /26/10

**Mozzjoni:**

Mozzjoni biex jitreqsu għal-Perfromance Appraisal tal-Haddiema Klerikali quddiem il-Kunsill

**Proponent**
Matthew Agius Zammit

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 7 ta' Jannar, 2026

Franklan Debono
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**